**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 2929/2024/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Christ Scerri Urry**

Illum is-sitta (6) ta' Frar 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Christ Scerri Urry**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 222392(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, fix-xhur ta' bejn Ottubru 2022 sa Mejju 2023, meta hekk ordnat mill-Qorti jew marbut

bil-kuntratt biex jagħti aċċess lil Ritianne Scerri Urry għal uliedhom, irrifjuta li jagħmel hekk mingħajr raġuni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' Diċembru 2024, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 7(2), 17(c), 18 u 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu xahrejn priġunerija

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-24 ta' Diċembru 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

*"1. **Tiddikjara** li l-ordni tal-qorti tal-familja, fuq il-bażi tal-akkuża kriminali taħt l-Artikolu 338(z), hija illegali u arbitrarja, u għalhekk ma tistax tiġi applikata.*

*2. **Alternattivament**, tirreferi l-kwistjoni lill-Ewwel Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) għal determinazzjoni kostituzzjonali dwar il-validita' tal-ordni tal-qorti tal-familja u l-kompatibilita' tagħha mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR).*

*3. **Tħassar** is-sentenza appellata billi tammonta għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem.*

*4. **Tillibera** lill-appellant mill-akkużi kif dedotta kontrih u konsegwentement minn kull ħtija u piena.*

*5. **Alternattivament**, tirriforma l-imsemmija sentenza fil-konfront tal-appellant billi tvarja l-piena mogħtija għal waħda ekwa u aktar ġusta, hekk kif jidhrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fl-20 ta' Jannar 2025.

Rat dak li ġie verbalizzat fis-seduta miżmuma quddiem din il-Qorti fit-28 ta' Jannar 2025 fejn, fost l-oħrajn, il-Qorti ħalliet l-appell għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fid-9 ta' Diċembru 2024. Għal kull buon fini għandu jingħad li quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant allura imputat kellu din il-kawża flimkien ma' numru ta' kawżi oħra u li dakinhar tad-9 ta' Diċembru 2024 l-Ewwel Qorti tat sentenza fil-konfront tal-appellant allura imputat fil-kawżi in kwistjoni.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li quddiem l-Ewwel Qorti nżammet seduta qabel ingħatat is-sentenza, f'liema seduta l-appellant allura imputat irreġistra ammissjoni fir-rigward ta' dak li ġie akkużat bih f'dawn il-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti. Għandu jingħad li din l-ammissjoni tal-appellant allura imputat saret fil-preżenza tal-konsulent legali tiegħu u wara li l-Ewwel Qorti pposponiet il-kawża fejn tat il-fakolta lill-appellant jikkonsulta mal-konsulent legali tiegħu barra mill-awla, meta reġgħet issejħet il-kawża jirriżulta li l-Ewwel Qorti reġgħet staqsiet lill-appellant allura imputat jekk kien ingħata zmien biżżejjed biex jikkontempla d-dikjarazzjoni ta' ħtija tiegħu, jekk kienx fehem b'dak li ġie akkużat bih, jekk kienx jaf x'kienet il-piena u wara li l-imsemmija Qorti reġgħet infurmatu hija stess bil-piena applikabbli, l-appellant allura imputat wieġeb fl-affermattiv għad-domandi kollha li sarulu u reġa' iddikjara li huwa ħati. Għal kull buon fini jingħad li wara li ġara hekk, l-Ewwel Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza għal numru ta' xhur wara.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel tipproċedi ulterjorment ikun opportun li din il-Qorti tagħmel riferenza għaċ-ċitazzjoni li biha l-appellant allura imputat

ġie mixli quddiem l-Ewwel Qorti u kif ukoll għas-sentenza appellata.

Illi din il-Qorti tinnota li fiċ-ċitazzjoni l-appellant allura imputat ġie mixli (*a fol.* 1):

> *"talli meta b'diversi atti magħmulin minnek, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, fix-xhur ta' bejn Ottubru 2022 sa Mejju 2023, meta hekk ordnat mill-Qorti jew marbut bil-kuntratt biex tagħti aċċess lil Ritianne Scerri Urry għal uliedkom, irrifjutat li tagħmel hekk mingħajr raġuni xierqa"*

meta fis-sentenza appellata jingħad li ġie mixli bis-segwenti (*a fol.* 32):

> *"talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, għax-xhur minn Ottubru 2022 sa Mejju 2023 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil Ritianne Scerri Urry u/jew lil uliedek is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma."*

Illi b'żieda ma' dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti tinnota illi fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ddikjarat li kienet qed issib ħtija fl-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant allura imputat u għamlet riferenza, fost l-oħrajn, għal Artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jirrigwarda nuqqas ta' ħlas ta' manteniment meta fil-verita' fl-imputazzjoni li tirriżulta miċ-ċitazzjoni l-appellant allura imputat kien akkużat li naqas li jagħti aċċess għal ulied tant li fiċ-ċitazzjoni hemm imniżżel Artikolu 338(ll) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi jirriżulta li ma kinitx biss l-Ewwel Qorti li ħadet l-iżball li jsir riferenza għalih hawn fuq pero′ jirriżulta wkoll li anke l-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu u l-Avukat Ġenerali fir-Risposta għall-appell għamlu l-istess meta fil-verita′ mill-atti proċesswali ossia miċ-ċitazzjoni jirriżulta xort′oħra.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għal Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta′ Malta li jgħid hekk:

> "Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta′ dan il-Kodiċi jew ta′ kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."

Illi fil-fehma ta′ din il-Qorti dak li ngħad minnha aktar 'il fuq f′din is-sentenza jġib miegħu in-nullita′ tas-sentenza appellata u dana peress li hi karenti fl-osservanza ta′ formalita′ essenzjali bi ksur ta′ Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta′ Malta. Ma setgħetx l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha l-ewwel tniżżel l-imputazzjoni li skont hi l-appellant kien akkużat biha quddiemha mentri fil-verita′ ma kienx addebitat dik l-imputazzjoni. Apparti minn dan, għal kull buon fini jingħad li fid-*decide* tas-sentenza appellata lanqas hemm imniżżel l-Artikolu tal-liġi (hekk kif rikjest minn Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta′ Malta) li minnu temerġi l-imputazzjoni li tirriżulta fiċ-ċitazzjoni. Dan huwa żball gravi ieħor li din il-Qorti ma tistax tinjora.

Illi din il-Qorti jidhrilha illi dak imsemmi hawn fuq iwassal għan-nullita′ tas-sentenza appellata liema nullita′ hija waħda tali li timporta aktar milli ksur ta′ formalita′ essenzjali stante illi d-dikjarazzjoni ta′ ħtija tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant allura imputat ma kienx jaqbel ma′ dak li l-appellant allura imputat ġie akkużat bih fiċ-ċitazzjoni.

Illi għalhekk din il-Qorti ser tirrevoka *ex officio* s-sentenza appellata b′dan illi ma hemmx il-ħtieġa li tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

Illi l-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fis-27 ta' April 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield** (Numru 327/2005) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi pero' dan ma jwassalx għall-annullament tal-proċedura kollha li saret quddiem l-Ewwel Qorti kif qed jippretendi l-appellant fl-istess aggravju tiegħu. In-nullita' hija limitata biss għas-sentenza u kull parti oħra preċedenti tal-proċeduri kontra l-appellant tibqa' bla mittiefsa u għalhekk kull ma jrid isir hu li l-Ewwel Qorti terġa' tippronunzja s-sentenza billi ssegwi l-vot tal-Artikolu 382 u xejn aktar u konsegwentement l-appellant irid jitpoġġa mill-ġdid fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet ippronunzjata s-sentenza appellata."

Illi dak li ngħad hawn fuq huwa proprju dak li ser tagħmel din il-Qorti u li sar ukoll f'diversi sentenzi oħra mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta, fosthom dik mogħtija fl-1 ta' Ġunju 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Savage** (Numru 464/2010).

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi *ex officio* tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex l-appellant jerġa' jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza appellata u biex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skont il-liġi.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |